# FESTA SAN GUZEPP - MSIDA 1976



# Ghad-Dar Moderna

## GHAMARA INVICTA

- Kmamar tas-sodda illustrati
- Kmamar tal-ikel
- Salotti
- Imwejjed u siggijiet
- Spare bedrooms
- Cupboards tas-kcejjen

Manifatturi wkoll ta'
Siggijiet tat-Tfal; Ironing-Boards; Step-Stools;
Shopping Carriers; Baby Cots; Baby High Chairs;
Slielem Forci

Ufficcju u Workshop:-

**Misrah il-Barrieri — MSIDA**

Showrooms:

**Marina Street — Pieta'** **Valletta Road — Mosta**
**The Strand — Sliema,** **Paola Square — Paola**

**Tel: 26651 - 75/6440 - 75/6593**

INVICTA **L-AQWA GHAMARA MALTIJA**


Ritratt tal-Qoxra minn Joseph Troisi ta' l-Imsida



U ahna lkoll, tfal ta' l-Imsida
Li Guzzeppi b'ismu jzejjen,
B'qalbna, b'hegga dejjem gdida
Imberkuk illum u dejjem.



ANTHONY PISANI

ta'

179,

Triq S. Guzepp

il-HAMRUN

Telephone

75/6022

Id-Ditta li forniet il-brazzi tal-kistall ghall-artali tal-Knisja Parrokkjali tal-Imsida taccetta tiswija ta' brazzi u linef antiki.

Id-Ditta li qeghda tisuplixxi l-materjal biex tigi rrangata l-koppla ta' l-knisja ta' l-Imsida toffri Zebgha Reebdeck li hija 'Permanent Heavy Duty Roofing Compound' kif ukoll 'Wetexi', materjal iehor ecellenti biex jnehhi il-porozita' tal-gebla Maltija.

GHALHEKK IXTRU DEJJEM MINN:

THE GENERAL TRADING COMPANY LIMITED

303, Trieq Ir-Repubblika Valletta Malta.

FUQ WEMBLEY STORES

TELEPHONE: 26631 - 25148

*Itla' fl-Ewwel Sular u ssib kulma trid ghall-gnien.*

# MESSAGGI

**Mill-W.R. Kappillan:**

MISIDJANI: ghaddiet sena ohra: ersaqna lejn il-jum meta l-mahbub Patrun taghna S. Guzepp jiltaqa maghna fis-sema fejn, ma' Gesu', nkunu nistghu ngawduh, wara li, fuq ezempju tieghu, nkunu ghexna fid-dinja. Uhud li frahna maghhom sena ilu, nittamaw li din is-sena, jinghaqdu maghna mis-sema: dan ghandu jkun l-ghan ta' hajjitna: S. Guzepp, xempju taghna, biex fuqu infasslu hajjitna: ghalhekk il-Knisja taghtulna b'Patrun u, kull sena, din id-devozzjoni lejh tohrog, bl-entuzjazmu kollu ta' qalbna, fil-Jum tal-Festa Solenni tal-Parrocca taghna.

''Mahbub Guzeppi, mexxina lkoll inti, ghaliex it-triq li minna tghaddi inti hija dik li twassalna ghand Gesu'. Ghallimna nghixu bhalek, naqdu dmirna kif qdejtu int, biex, wara li naghmlulek festa xierqa f'hajjitna, ikun jisthoqilna nigu mieghek ingawdu l'Alla ghal dejjem fis-sema''.

**Mill-Kummissjoni Amministrattiva:**

MISIDJANI: Is-shana ta' Lulju tfakkarna fi shana ohra — is-shana tal-imhabba li theggeg f'qalbna l-Misidjani ghal missier taghna l-Patriarka S.Guzepp ma' tul is-sena kollha izda, izjed u izjed f'dawn il-jiem ta' festa tieghu Maghqudin mieghu u flimkien, nersqu aktar vicin ta' dak li Guzeppi tant kien ihobb u jghozz: Ibnu putativ u huna Gesu'.

**Mill-Kumitat tal-Festa 1976:**

MISIDJANI: Qeghdin fil-jiem li tant inkunu nistennew: il-festa ta' S. Guzepp hija maghna. F'dawn il-jiem ta' festa, ninsew l-inkwiet u t-tahbit li nkunu ghaddejna minnu matul is-sena, u nharsu ftit lejkom li dejjem taghtuna l-ghajnuna taghkom, inthom li ghamiltu kull sagrificcju biex ghintuna: illum jixraq li maghna tgawdu ftit mill-hena li tnissel f'kull Misidjan il-festa talpatrun taghna S. Guzepp.

aghzel il-kulur li tixtieq **ZEBGHA CARSONS**

Varjeta' bla tarf ta' kuluri bil-magna specjali **SPECTROMATIC**

Taghzel il-kulur int — Naghmluhulek AHNA

**CENTRU ZEBGHA CARSONS, 44, IX-XATT TA' XBIEX, MSIDA TEL. 33479**

# QUEEN ANNE
## FURNITURE



PROP.

JOE MIFSUD

&

TONY MIZZI

99,

VALLEY RD.,

MSIDA

Ghal Settijiet tas-Sodda, tal-Pranzu, Salotti, Siggijiet u Kitcken Cupboards

## IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA

Dun Anton Pace B.D., Kappillan
Dun Anton Caruana
Dun Guzepp Mifsud
Is-sur John Sapiano
Is-sur Lino Bartolo

## KUMITAT FESTA ESTERNA S. GUZEPP 1976

| | |
|---|---|
| President: | Is-sur Raphael Spiteri |
| Segretarju: | Is-sur Charles Falzon |
| Kaxxier: | Is-sinjorina Maria Zammit Gallo |
| Membri: | Is-sinjuri; Sammy Sultana, France Tabone, Joe Farrugia, Maurice Gera, Paul Spiteri, Alfons Vella. |

**San Guzepp**

Ir-ritratt ta' S. Guzepp, li jinsab f'pagna 1, huwa ta' kopja tal-pittura originali tal-Erardi li tinsab fis-sagristija u li din is-sena taghlaq mitt sena.

*Ritratt mehud minn Guido's Photo Service tal-Imsida.*


*EXCEPTIONAL OFFER*

*ESPECIALY FOR MISIDIANS*

*AT:* **VICNOL**

**Fashion Fabrics**

**15, Mons. Falzon Street — MSIDA**

**A VARIED SELECTION OF SUMMER MATERIALS**

Including:

COTTONS — DENIMS — CRIPLENE
CREPE — GABARDINE — TERAYLENE
TOWELING — DAMASK FURNISHING — CRETON

**5% Discount on purchases over £1 on showing this coupon OFFER closes July 24th**

# BAJADA WOODWORKS LIMITED

*Manufacturers of all Kinds of Woodwork*

TOWER STREET - MSIDA

Tel. 31005 - 45085

# BAJADA WOODWORKS

## OVERSEAS LIMITED

JOINERY WORKS AND FURNITURE

TOWER STREET, MSIDA - MALTA

*Tel.* 31004 - 45085

*Cables:* BAJAWOOD MALTA *Telex:* MW 374 MALTA

# OPRI GODDA MATUL DIN IS-SENA

1. Xogħol ta' rħam fil-kappellun tad-Duluri li jinkludi diversi xogħolijiet. (Ara l-artiklu fuq hekk f'pagna. 11. )
2. Żewġ gandlieri tal-fidda, rigal ta' benefatturi.
3. Arġentatura tal-gandlier kbir tal-Blandun.
4. "Reed Organ" biex jintuża waqt il-funzjonijiet liturġici.
5. Żewġ armi irrakkmati bid-deheb ghat-terħa ta' Santa Tereża, rigal tal-familja Mifsud.
6. Sett ta' tnax il-pjaneta gotika bojod bil-gallun tal-bellus, biex jintużaw fil-Koncelebrazzjonijiet.
7. Sett ta' tnax il-Brazz tal-Kristall għall-artali tal-ġnub. Dawn ġew miġbura mis-sagristan, s-sur Salvu Mifsud, u oħrajn.
8. Sett ta' fjuretti tal-granutell għall-artal tal-Kor.
9. Sett ta' fjuretti għall-brazzi tal-artali.
10. Sett ta' fjuretti għal quddiem in-nicec u għall-artal mejda.
11. Inawgurazzjoni tal-Via Sagra (Ara l-artiklu f'paġna 9 )
12. Żebgħa u rinnovazzjoni tal-Pedistalli ta' Triq il-Wied, xogħol tad-Dilettanti.
13. Sett ta' 40 spellizza ġdida għall-abbatini, magħmula mill-Kumitat tal-Ġenituri tal-Abbatini.

**Nirringrazzjaw lil benefatturi u lil Misidjan kollha li ghinuna biex dawn l-opri setghu jsiru.**


# ENKA

Sponge Cloth, Floor Cloth, Household Cloth, Sponges, Car Chamois Leather

SOLE AGENT:

EMMANUEL CASSAR

**'Emmglad' Valley Road — MSIDA**

**Tel. 43477**

# FOR BETTER VALUE

## Your favourite drink in a BIGGER Bottle

**10oz BOTTLE**

KINNIE

MALTA'S MOST POPULAR BITTER SWEET DRINK




# VIA SAGRA



Opra oħra sabieħa u tant mistennija fil-Knisja Parrokkjali tagħna qed narawha tiżżanżan din is-sena: qegħdin ngħidu għal VIA SAGRA l-ġdida. Kien ilha tinħass il-ħtieġa li l-Parrocca tagħna jkollha sett ta' kwadri ta' Via Sagra li jixirqulha.

Għal dan il-għan, gie deciz li l-gwarnici antiki jigu indurati mill-gdid. Dawn il-gwarnici huma tal-injam, mżejjna bi skultura mill-isbaħ fuq stil barokk, skultura li llum hija imprezzabbli. Ix-xogħol tal-induratura gie fdat f'idejn l-artist mir-Rabat, s-Sur Willie Attard, li hadem, b'reqqa kbira u tagħna xogħol tassew sabieħ.

Il-pittura tal-kwadri fuq it-tila giet afdata f'idejn l-artist Għawdxi il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, li ukoll ħoloq xogħol tassew artsitiku u li jaqbel tajjeb mal-gwarnici ta' qabel. Dwar il-brazzi, qegħdin f'kuntatt ma' xi ditti biex dawn isiru għal sena oħra.

Ta' min jgħid ukoll li din hija waħda mill-ewwel Via Sagra f'Malta li taqel mar-riforma li saret mill-Knisja f'dan il-qasam. Hija fiha, infatti, erba' stazzjonijiet ġodda li huma: laħħar Cena, Ġesu' jegħreq l-għaraq tad-Demm, Ġesu' mibjugħ minn Ġuda, u Ġesu' jqum mill-mewt. Dawn ħadu post l-erba' stazzjonijiet li spiccaw li kienu: Ġesu' kkundannat għal-mewt, ż-żewġ waqgħat u l-Veronika.

**Fl-ahharnett, il-parrocca taghna hija midjuna lejn is-Sinjura Maria Camilleri li, b'generozita' kbira, irregalat din l-opra meraviljuza lil Knisja taghna. Il-Misidjani kollha jinghaqdu f'din l-okkazzjoni u flimkien jghidulha: GRAZZI.**

---

N.B. L-XIV l-istazzjon "Kristu jqum mill-mewt", ritratt mehud minn Guido's Photo Service, Msida.

# KENNEDY

7, MSIDA SEA FRONT - MSIDA

TEL. 36522

*For all your requirements of-*

Stationery, Toys, Newspapers, Souvenirs, Greeting Cards, Paperbacks,

*Specialising also in-*

Wedding and Party Still and Movie Photography



ID-DITTA

# JOSEPH AZZOPARDI

TA'

62, RUE D'ARGENS - MSIDA

KUNTRATTUR ghal:- Tel: 33893

"DAMP PROOF" u

"COURSE LAYING"

*taghti l-isbah xewqat lill-Misidjani kollha fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Guzepp 1976*

# Il-Kappellun tad-Duluri

Jekk qatt kien hemm il-ħtieġa ta' prova ta' kemm il-Misidjani huma devoti tal-Madonna tad-Duluri, din il-prova il-poplu tahilna bil-koperazzjoni sħiħa tiegħu biex naraw il-kappellun tad-Duluri dekorat kif jixraq u lest għal-festa ta' din is-sena.

X'sar mela f'dan il-kappellun? L-ewwelnett inġab l-irħam "verde issogne" minn għand id-ditta "Incomarbo di Andrea Bondielli" ta' Massa fl-Italja. Dan ġie maqtugħ u mogħti l-polish mid-Ditta Lautier tal-Imsida, u tpoġġa wara li tbaqqan il-ħajt u ġie mgħoti l-qatran kontra l-umdita'. Saret l-iskultura ta' żewġ lunetti mis-Sur Emmanuel Cini, filwaqt li dik tal-gwarnici saret mis-Sur Charles Azzoppardi. L-induratura saret mid-ditta Coleiro tal-Belt. Iż-żewġ kwadri li kien hemm fil-kappellun ġew restawrati mis-sur Rafel Bonnici Cali' : l-ewwel wieħed tad-Duluri, xogħol ta' Lazzru Pisani, kien mgħoti lill-Knisja mill-Baronessa Galea Testaferrata fis-sena 1889; l-ieħor tal-Madonna tal-Karmnu huwa xogħol ta' Ġużeppi Cali'. Saret ukoll nicca żgħira għal Veru Linju, fuq disinn tas-surmast Ġuze' Galea tar-Rabat, xogħol fl-injam tas-Sur Patrick Sciberras, filwaqt li l-induratura tagħha saret mis-sur Willie Attard tar-Rabat.

Saru wkoll żewġ pitturi ġodda fuq it-tila mill-kavallier Pawlu Camilleri Cauchi: dik ta' fuq il-bieb tas-sagristija turina l-episodju ta' Mose' u s-serpent tal-bronż (xbiha tal-Kurcifiss); filwaqt li l-oħra, fuq in-nicca ta' S. Franġisk, turina l-episodju ta' Hagar (xbiha tad-Duluri): iż-żewġ episodji huma meħuda mit-Testment il-Qadim tal-Bibbja.

Biex dan kollu seta' jseħħ, il-Misidjani kollha għenu u taw sehemhom u ta' dan nirringrazzjawkom: iżda nħossu li huwa dmir tagħna li nsemmu u nirringrazzjaw b'mob specjali lil dawn il-benefatturi insinji:

1. Is-Sur Patrick Sciberras li ta' n-nicca tal-Veru Linju.
2. Il-familja Mousu' li ħallset l-induratura tal-gwarnica tal-kwadru tal-Duluri.
3. Il-familja Gallo li ħallsu l-pittura ta' Mose' li tinsab fuq il-bieb tas-sagristija.
4. Il-benefattrici anonima li offriet £M500.
5. Is-Sur Robert Naudi li pinga l-armi tal-Papa fil-lunetti.
6. Is-Sur Carmelo Sciberras li għmel ix-xogħol ta' żebgħa b'xejn.

**Filwaqt li nirringrazzjaw lil kullhadd, nittamaw li tkomplu tghinuna bis-shih biex, is-sena li gejja, jekk Alla jrid, nlestu bl-istess mod il-kappellun l-iehor tal-Madonna tar-Ruzarju.**

ID-DITTA

MEDAIRCO

Specjalisti f'xoghol ta' Airconditioning

ID-DITTA

MEDAIRCO

Kuntratturi ta' bini u xoghol konness

ID-DITTA

MEDAIRCO

tixtieq lil kulhadd il-festa t-tajba

ID-DITTA

MEDAIRCO

ta' 'Panta House' Triq il-Wied

MSIDA.

Tel: 41361

# PROGRAMM

*Il-Hamis, 8 ta' Lulju:*

9.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni organizzata mill-Azzjoni Kattolika biex jinkiseb ġid spiritwali kbir mill-festa ta' din is-sena.

*Is-Sibt, 10 ta' Lulju:*

6.15 p.m. Inawgurazzjoni u tberik tal-opri ġodda imżanżna din is-sena u, wara, quddiesa soċjali mill-Kappillan.

7.15 p.m. Tombla b'risq il-festa fuq iz-zuntier.

*Il-Hadd, 11 ta' Lulju:*

JUM L-IMSIDA: dedikat lill-Benefatturi Hajjin

6.00 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Kleru tal-Parroċċa, li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija.

7.00 p.m. Hruġ Solenni tal-istatwa ta' S. Ġużepp fuq iz-zuntier Diskors u Presentazzjoni ta' Bukkett Fjuri f'isem il-Misidjani kollha.

7.00 p.m. Fiera Kbira quddiem il-Knisja u Ġostra.


Ghall Cine u Ritratti Kulur u Black & White

Ghall Tigijiet, Engagments, Mghamudijiet, Parties ecc. ecc.

Issibu Films, Cameras, Flash Guns, Albums, ecc. ecc

Zviluppar ta' Ritratti Kulur u Black & White

GUIDO'S PHOTO SERVICE

17, MONS FALZON STREET

(BY MSIDA CHURCH)

MSIDA

TELEPHONE 36321

**It-Tnejn, 12 ta' Lulju:**

Intenzjoni: Jum dedikat lill-Misidjani Mejtin

6.30 p.m. Quddiesa Solenni bil-mużika għar-ruħ il-Misidjani mejtin kollha. Iqaddes il-W.R. Kappillan, Dun Anton Pace B.D.

**It-Tlieta 13 ta' Lulju:**

Intenzjoni: Jum dedikat lill-Vokazzjonijiet

6.30 p.m. Quddiesa Koncelebrata li fiha ssir il-XI il-Vestizzjoni Solenni tal-Abbatini li jagħmlu s-servizz liturġiku fil-Parrocca. Iqaddes il-W.R. Kappillan, Dun Anton Pace B.D.

**L-Erbgħa, 14 ta' Lulju:**

Intenzjoni; Jum dedikat lill-ħaddiema u 'l min iħaddem

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mill-W.R. Dun Charles Abela, Kappillan ta' Wied - il-Għajn. Omelija mill-W.R. Patri Ġorġ Aquilina O.F.M. Kurunella, Innu, Antifona, Celebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

**Il-Ħamis, 15 ta' Lulju:**

Intenzjoni: Jum dedikat lill-membri kollha tal-Familja

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mill-W.R. Patri Amadeo Zammit O.C., Kappillan ta' Fleur-de-lys. Omelija mill-W.R. Patri Ġorġ Aquilina O.F.M. Kurunella, Innu, Antifona, Celebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju:**

Intenzjoni: Jum dedikat lill-Morda fid-dar u fl-isptar

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mill-W.R. Dun Ġużepp Dalmas, Kappillan ta' Ħ'Attard. Omelija mill-W.R. Patri Ġorġ Aquilina O.F.M., Kurunella, Innu, Antifona, Celebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari. F'din il-funzjoni, jieħdu sehem il-morda tal-Parrocca organizzazzjoni tal-Azzjoni Kattolika flimkien mall-Kummissjoni Amministrattiva.

8.30 p.m. Mixgħela Ġenerali.

Marc tradizzjonali u brijuż mill-banda "Melita" tal-Imsida, li jibda' minn quddiem il-Knisja u jgħaddi minn dawn it-toroq: Ix-xatt ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. D'Andria, Ġdida, D'Argens, Kuncizzjoni, il-Wied, u jispicca Pjazza Palma.

*Is-Sibt, 17 ta' Lulju:*

LEJLET IL-FESTA

7.45 a.m. Quddiesa Solenni mill-W.R. Kappillan Dun Anton Pace B.D., Te Deum u Antifona.

4.30 p.m. Ikun hawn konfessuri barranin għal-qrar

6.00 p.m. Transulazzjoni Solenni Pontifikali mill-E.T. Don Angelo Mifsud O.S.B., Abbate tal-Benedittini.

6 30 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mas-sacerdoti Misidjani li jaħdmu barra l-Parrocca. Imexxi l-W.R. Patri Provincjal Elia Vella O.F.M. Conv.

8.00 p.m. Marc mill-banda "Melita" tal-Imsida, li jibda minn ħdejn l-Għajn tal-Hasselin, u jgħaddi minn dawn it-toroq: l-Wied, ix-Xatt tal-Imsida, Qrajten, Clarence, Sorijiet Ursolini, Bordin, Misraħ il-Barrieri, il-Bacir, Vjal S. Ġużepp għal quddiem il-Knisja, fejn il-banda tesegwixxi programm mużikali taħt it-tmexxija tas-Surmast Carmelo Borg.

10.30 p.m. Logħob tan-Nar kbir maħdum mid-dilettanti tal-każin S. Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Wara, Kaxxa Infernali.

*Il-Hadd, 18 ta' Lulju:*

JUM IL-FESTA

5.oo a.m. Quddiesa bid-Djaknu u Lettur.

6.oo a.m. Quddiesa bid-Djaknu u Lettur.

7.oo a.m. Quddiesa bit-Tqarbin Ġenerali mill-W.R. Patri Gian Gużepp Camilleri O.F.M. Gwardjan ta' Villambrose.

8.oo a.m. Quddiesa Folk għaż-żgħażagħ mill-W.R. Patri Vincenz Portelli O.P., Kappillan ta' Gwardamangia.

9.oo a.m. Quddiesa Solenni pontifikali mill-E.T. Don Angelo Mifsud O.S.B., li jikkoncelebra mal-qassisin tal-Parrocca u tal-Kommunita' tiegħu. Wara il-Vanġelu jinseġ il-Paniġirku il-W.R. Kan. Lawrenz Mifsud B.A., Lic.D., Arcipriet tal-Birgu.

# PANTA LESCO LTD.

ELECTRICAL and MECHANICAL
ENGINEERS and CONTRACTORS

AGENTS FOR

Hawker Siddeley Electric Export Ltd.
(All Electrical Equipment)
(Crompton Parkinson)

Neil And Spencer Ltd.
[Laundry and Drycleaning Equipment]

Simplex - Switch Gear Avery Export Ltd.
(Weighing Machines)

Federal Electric Ltd.
[M.C.B. Boards and Equipment]

Allen Ygnis Boilers Ltd.

PANTA HOUSE,
VALLEY ROAD - MSIDA
TEL. 41361

11.oo a.m. Quddiesa mill-W.R. Patri Leopoldu P. Tabone O.F. M. Cap, Kappillan ta' S. Ġwann.

12.oo p.m. Quddiesa mill-W.R. Patri Franġisk Grech O.C., Kappillan ta' Santa Venera.

6.oo p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mill-W.R. Kan. Dun Ġużepp Mifsud Bonnici B.A., Lic.D., Kappillan tal-Kuncizzjoni, il-Hamrun.

7.oo p.m. Purcissjoni bl-istatwa artistika ta' S. Ġużepp. Wara Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.

5.oo p.m. Tibda' l-wisq popolari Ġostra.

9.30 a.m Marc brijjuż mill-banda S. Ġużepp tal-Hamrun, li jibda' minn ħdejn il-Catering u jgħaddi minn dawn it-toroq: Qrajten, Clarence, Il-Bacir, Vjal S. Ġużepp, Mons. D'Andria, Knisja, Parrocca, Kuncizzjoni, il-Wied, u jispicca quddiem il-Knisja.

6.3o p.m. Il-banda "Duke of Connaught" ta' B'Kara iddoqq marci ferrieħa ma' tul Vjal S. Ġużepp u, wara, takkumpanja l-Processjoni.
Meta l-istatwa ta' S. Ġużepp tasal fi Vjal S. Ġużepp, tingħaqad ukoll il-banda "S. Piju X" ta' ħal-Lija u ż-żewġ baned iwasslu l-Istatwa b'dimostrazzjoni trijumfali sal-Knisja. Wara l-Barka, Marc tal-egħluq mill-banda "S. Piju X" ta' ħal-Lija li jgħaddi minn dawn it-toroq: ix-Xatt ta' Xbiex, Giacchino Navarro, Knisja, Mons. D'Andria, Ġdida, D'Argens, Kuncizzjoni, il-Wied u jispicca quddiem il-Knisja.
Il-kant fil-quddies tat-Tridu jsir mill-Kor Parrokjali taħt it-tmexxija tas-Surmast Carmelo Zammit.

**Discounts Are Few But prices Are Good**
**AT**
**IT'S A REAL**
# Wonderland
*The shop near the church to*
*Find Wide Variety of Children's and Ladies Wear,*
*Stationery, Sweets and Toys to suit all types of pockets.*
WONDERLAND
1, PARISH STREET, MSIDA

# THE FALCON FORGE

**Ghal kull xoghlijiet ta' ferrobattuto, twieqi tal-hadid iggalvanizzati, hadid ghat-tarag, hadid biex iddawwar il-gonna, ejja ghandna u zgur li tohrog sodisfatt.**

**Assortiment Kbir ta' Disinji u Qisien, ipprovduti flimkien ma' Xoghol Tajjeb u Malajr**

irrikorru:

THE FALCON FORGE
prop. JOE LAUTIER
Tower Street - Msida
Tel. 42099

VISIT

# G. K. MOHNANI

30 - 31, Republic Street,
Valletta
Tel. 24137

**For the latest Wedding and High-Occassion materials and ready made Wedding Gowns.**
**Specialized also in quilted Bedspread, Ladies handmade Shawls - Malta Lace - Malta Souvenirs and E.P.N.S. Ware**

Il-Mużika tat-Tridu u ta' Lejliet u Nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Ġużeppi Camilleri. Il-Misidjani kollha huma mħeġġa jersqu għas-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-festa.

**TAJJEB LI TKUN TAF:**

Il-Misidjani huma mistiedna biex jagħtu bukket fjuri għal quddiem l-istatwa ta' S. Ġużepp, b'mod specjali l-Għaqdiet u l-Każini. Dan għandhom jagħmluh lejliet ll-festa fil-għodu.

Biex ma ssirx ħsara lill-istatwa, bħas-soltu, mhux ser jinxtegħel xemgħa żgħir meta tkun barra min-nicca. Għalhekk il-flus li jingħataw għax-xemgħa, jingabru flimkien u jinxtegħel xemgħa kbir. B'dan il-mod, min ikun għamel wegħdi ta' xemgħa, xorta waħda jissodisfa l-wegħda tiegħu, u, fl-istess ħin, inkunu qegħdin nagħmlu ħilitna biex inħarsu 'l istatwa minn kull ħsara.

Nagħmlu appell lil kulħadd biex ma jinxteħtux kwantitajiet kbar ta' karti fuq l-istatwa. Nafu kemm l-istatwa. ta' S. Ġużepp hija għal qalb il-Misidjani u, ghalhekk, qeghdin nistennew li kulhadd jikkopera biex ma ssirx hsara.

**Il-Kummissjoni Amministrattiva izzomm id-dritt li tbiddel xi partijiet tal-programm, jekk ikun hemm il-htiega.**


Ghal kull xoghol ta' STAMPAR

IRRIKORRU:-

**Stamperija San Gwakkin**

Manifatturi tal-Pitazzi SPUTNIK

Pjazza Sant' Elena - B'Kara

Tel. 40484 - 42807

GHALL-BEJGH BI PREZZIJIET IRHAS

**Bicciet ta' Art bil-Permess ghall-Bini, fil-limiti ta' HAL-LIJA, BIRKIRKARA, KAPPARA, BAHAR IC-CAGHAQ, MADLIENA, IL-MAGH-TAB U L-IMSIDA, kif ukoll Djar saqaf u gebel biss, Flats u hwienet.**

**Investu fluskom tajjeb**

*Irrikorru ghand:*

JOHN C. MICALLEF

163, MARINA WHARF, PIETA'.

CEMPLU: 21835 - 36620

**u tohorgu sodisfatti zgur.**

DANUSA

**Europe's leading Cosmetics Preparations**

BODY

**Deodorant Dermotalcum**
**Deodorant Invisible Spray**
**Deodorant Invisible Stick**
**Blue Bubble Bath**
**Body Moisterizer**

**Fluid Depilatory**

FACE

**Cleansing Milks**
**Face Moisterizer**
**Dew Tonic Spray & Liquid**
**Nourishing Cream in tubes and jars**

HAIR **Shampoos**

*and particularly the Quick Dry Spray Shampoo*

SOLE AGENTS:

JOSEPH CASSAR LTD.

**207-208 OLD BAKERY STREET, VALLETTA.**

# Programm tan-Nar



**Il-Hadd 11, L-Erbgha 14,**

**Il-Hamis 15, Il-Gimgha 16,**

Sparar ta' murtali u musketterija

**Is-Sibt 17 :**

Fil-għodu waqt it-Te Deum: Kaxxa Infernali u Murtaletti Fil-għaxija waqt it-Transulazzjoni : sparar ta' kaxxa infernali Qabel il-logħob tan-Nar : sett murtali tal-kulur u fl-egħluq, kaxxa infernali tal-kulur.

**Il-Hadd 18, nhar il-festa :**

Fil-ħruġ tal-istatwa, salut, kaxxa spanjola u, wara, sett murtaletti tal-kulur. Matul il-purcissjoui, akkumpanjament ta' murtaletti u murtali.

N.B. : In-nar ġie maħdum mis-Sur Costantino Mifsud u d-dilettanti Misidjani Emmanuel Borg u Salvu Grima. Il-kumitat tal-festa esterna jirringrazzja lis-Sur Costantino Mifsud tal-għajnuna tiegħu biex dan in-nar seta' jsir. Il-Musketterija fuq il-Knisja Parrokkjali u fuq il-Knisja tal-Kuncizzjoni saret mill-Kummissjoni Amministrattiva.


# CAROUSEL

**IMPORTERS & WHOLESALERS**

**of Stationery, Toys and Beach Equipment**

| | |
|---|---|
| **19, Ta' Xbiex Sea Front,** | **"Carousel" Moroni Street,** |
| **Msida** | **Gzira** |
| **Tel. 32992** | **Tel. 30869** |
| (Kantuniera boghod mill-Knisja) | |

**Fejn issibu:**

**Varjeta' ta' affarijiet ghall-Bahar, bhal ma huma Dingies, Flippers, Snorkles, Airbeds, Maskli etc.**

Jekk trid izzejjen darek b'kolonni jixeghlu jew lampi u vazuni ta' l-alabastru Spanjol, linef "Strass" ta' l-Awstrija, brazzi moderni, kif ukoll arloggi tal-hajt u arloggi ta' l-art ta' barra,

mur s'ghand

TACSUM

L-IMSIDA [hdejn l-Orsolini] jew BIRKIRKARA

fejn issib ukoll oggetti ta' rigali tassew originali

Tinsewx TACSUM

QRAJTEN STREET - MSIDA

jew BIRKIRKARA hdejn it-traffic lights

IRHAM MILL-ISBAH,

IRHAM MILL-AQWA,

IRHAM MILL-IFJEN.

*Ejja u ara b'ghajnejk l-assortiment kbira ta' l-irham li nistghu naghmlulek.*

GHAL KULL TAGHRIF IRRIKORRU GHAND

ANTHONY LAUTIER,

Tower Road, l-MSIDA.

TEL. 36931

# GHAQDA MUZIKALI MELITA

It-tregija tal-banda f'San Guzepp din is-sena se tkun f'idejn is-Surmast il-gdid ta' l-Ghaqda, Carmelo G. Borg. Mro. Borg huwa Misidjan ghalkemm fil-prezent joqghod il-Gzira. Gie mahtur Surmast f' Mejju u mill-ewwel beda jhabrek biex ikabbar in-numru ta' allievi. Din is-sena se johorgu jdoqqu ghal l-ewwel darba zewg bandisti zghazagh Effie Azzopardi kurunetta u Alf Debattista kwartin. Mro. Borg huwa wkoll is-surmast ta' zewg baned ohra, Mount Carmel tal-Gzira u St. Venera B.C.



Mr. C.G. Borg

## Programm Muzikali

Is-Sibt, 17 ta' Lulju, Lejlet il-Festa fid-9.00p.m. fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Direzzjoni Mro. Carmelo G. Borg.

Innu tal-Papa

| | | |
|---|---|---|
| PUPETTA INNAMORATA | Marcia Sinfonica | G. Orsomondo |
| MEFISTOFELE | Preludio e Salmodia Finale | A. Boito |
| ECSTACY | Intermezzo | C. G. Borg |
| LIGHT CAVALRY | Overture | Von Suppe' |
| LUCIA DI LAMMERMOOR | Fantasia | G. Donizetti |

Innu tal-Banda 'Melita'

Innu Malti

PATRICK'S
WOODWORKS
49A, BORDIN STREET, MSIDA.
TEL: 75/6941

SHOWROOM AT:-
22, BORDIN STREET, MSIDA.




Enquiries:-

229 - 230, St. Paul's Street

Valletta

# Mid-Djarju tal-Parrocca : Lulju 75' - Gunju '76



**19 ta' Lulju** Waqt Lejla ta' Talent Misidjan, l-Msida Pageant Group offrew is-somma ta' £M256 00.0 li kienu ngarbru fic-Cent Stunt b'risq il-koppla.

**20 ta' Lulju** Jum ta' Festa ta' S. Guzepp - Il-poplu Misidjan bl-ikbar hegga iqim il-patrun tieghu.

**15 t'Awissu** Patri Victor Mallia O.C.D. jiccelebra l-Ewwel Quddiesa tieghu fil-Parrocca

**16 ta' Settembru** Festa ta' Maria Addolorata: iccelebra Quddiesa Solenni tieghu u ippriedka l-W.R. Kappillan Dun G. Mifsud Bonnici, B.A. Lic.D.

**5 t'Ottubru** Inawgurazzjoni tad-Dawl Gdid tal-Koppla.

**5 - 8 Dicembru** Festa fil-Knisja tal-Kuncizzjoni biex iqimu lil-Maria Immakulata.

**24 ta' Dicembru** Il-Banda Melita akkompanjat lil-Membri tal-Muzew fil-purcissjoni tal-Bambin. Fil-Knisja parrokkjali sar Pageant bl-isem "Twieled Ghalik" u wara, Koncelebrazzjoni Solenni

**28 ta' Dicembru** Kuncert tal-Milied organizzat mill-Msida Pageant Group li fih hadet sehem l-orkestra tal-iskola "Johann Straus" taht it-tmexxija ta' Alexander Maschat. Ippresieda Mons. A. Bonnici.

**5 ta' Jannar** L-Abbatini tal-Parrocca organizzaw Lejla tal-Milied ghal-membri u l-familji taghhom fis-Sala tal-Banda Melita.

**24 ta' Jannar** Koncelebrazzjoni, fl-okkazzjoni tal-Festa tal-Isem Imqaddes t'Alla minn diversi diretturi tax-Xirka, mmexxija mil-Provincjal tad-Dumnikani.

**8 ta' Frar** Mons Arcisqof amministra l-Grizma 'il fuq minn 100 tifel u tifla

**19 ta' Marzu** Festa ta' S. Guzepp: Barra l-funzjonijiet tal-Knisja, il-Banda Melita ghamlet marci brijjuzi, fuq l-istedina tal-Kumitat tal-Festa.

**9 t'April** Eluf ta' nies jimxu wara l-istatwa tad-Duluri.

**10 - 18 t'April** Funzjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa. L-Msida Pageant Group tellghu l-pageant "Guda" u organizzaw Via Sagra fil-berah.

**3 - 17 ta' Gunju** Festi Ewkaristici li bdew bl-Ewwel Tqarbina tat tfal, komplew bl-Adorazzjoni hekk imsejjha "Kwaranturi, u ntemmu bil-Purcissjoni Solenni ta' Corpus. (Ritratt Guido's Photo Service)

# INDESIT

**PRODOTTI TA' L-AQWA KWALITA BI PREZZIJIET LI ĊIFFRANKA**



**INDESIT joffrulek aktar għal prezz li tħallas......**

**Prodotti ta' kwalita' superjuri, li jservuk għal żmien twil u 'after sales service' pront u effiċjenti.**

*Ara l-għazla kbira ta' l-Indesit Deep Freezers u prodotti Indesit oħra għand l-eqreb Dealer ta' Indesit,*

**INDESIT**

dejjem jaqbillek

# IL-KOPPLA



Ritratt mehud minn Joe Troisi tal-Imsida

Għaddiet kważi sena minn mindu lestejna l-ewwel fażi tal-proġett tal-Koppla li kien ix-xogħol fuq barra : tiswija, kisi u żebgħa u dwal fissi b' sistema moderna u efficjenti. Nittamaw li dan kien ta' sodisfazzjon għal kulħadd.

Issa għajnejn il-Misidjani kollha li jħobbu l-Parrocca tagħna huma mitfugħin fuq il-Koppla minn ġewwa, li ħdejn il-bqija tas-saqaf, hija fi stat fqir tassew. U l-ħsieb tagħna hu li dan ix-xogħol nibdewħ mill-aktar fis possibli.

Ix-xogħol se jnqasam fi tlett fazi: L-ewwel fażi tkun l-iskultura u ż-żebgħa tal-Koppla minn ġewwa, imbagħad inkomplu bl-induratura u laħħar, imma mhux linqas, il-pittura. Dwar il-pittura, diġa' saru kuntatti siewja mal-Kav. Emvin Cremona li qalilna li qed jaħdem fuq dan il-proġett. Kif taraw, dan huwa proġett tassew kbir li mhux se jitlesta f'sena jew tnejn. Iżda aħna fiducjużi ħafna li din il-ħolma ssir realta' ma ddumx l-ewwelnett bl-għajnuna ta' S. Ġużepp Missierna u mbagħad, bil-koperazzjoni sħiħa tagħkom.

Il-flus li nġabru s'issa ntefqu kważi kollha fl-ewwel fażi u, għalhekk, fil-flus għadna ħafna lura. Inħeġġukom biex tkomplu tgħinu, kulħadd kif u kemm jista', biex dan il-proġett iseħħ.

Nagħmlu appell specjali lil ħutna Misidjani Emigranti li qegħdin fostna għal btala. Għinuna inthom ukoll, kemm issa li qegħdin hawn fostna, u kemm meta tkunu 'l bogħod fl-art il-ġdida tagħkom: meta l-Bambin jipprovdilkom, ftakru fil-belt ta' twelidkom - l-IMSIDA - u tħallux l-okkazzjoni taħarbilkom li jkollkom sehem reali fit-tempju tagħna billi tgħinuna finanzjarjament ħalli nkomplu u nlestu x-xogħol tal-Koppla, kif ilkoll nixtiequ.

# Blokrete

BUILDING CONTRACTORS

Manufacturers of:

All kinds of hollow Concrete Blocks OMNIA Roof Planks & Roof Blocks Decorative Screen Blocks, & suppliers of sand & aggregate.

## BLOKRETE LIMITED

MOSTA ROAD, - LIJA

Telephone: K 41850

# APLAN LTD

## Trade Fair Offer

(June 7 to July 31)

### TELEVISIONS

HIRE PURCHASE — FREE AM Radio or £M3
CASH — FREE AM Radio and £M10

### COOKERS, FRIDGES, WASHING MACHINES & FANS

HIRE PURCHASE — 5%Discount
CASH — 10% Discount

### KENWOODS

CASH — 5% Discount and free plastic cover

**34, Msida Seafront**
**Msida. Tel. 38434-36556**

**Testaferrata Street**
**Msida. Tel. 38434-36556**

**44, St. Bartholomeo Street**
**Qormi. Tel. 47308**

**73, St. Paul Street**
**Cospicua Tel. 24535**

**Trade Fair Stands E 41, E 29 & G 13**

Wasalt biex Tizzeweg?

Hsibt ghall-Karozza tat-Tieg?

MELA MUR GHAND:

# JOHN'S GARAGE




25, TRIQ ID-DUKA TA' YORK,
U 23, TRIQ VILLAMBROSA, HAMRUN TEL: 28745

HAWN GHANDEK ISSIB ROLLS ROYCE, BENTLEY, U NUMRU TA' MERCEDES MODERNI B'SERVIZZ 'FIRST CLASS' GHAL KULL OKKAZJONI BI **PREZZIJIET L-AKTAR MODERATI**.

maħrug mill-Kummissjoni Amministrattiva
Parrocca San Guzepp — Msida

Stamperija San Ġwakkin B'Kara